MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Numru. 41/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**vs.**

**Antonella Sacco**

**Illum 13 ta’ Gunju 2012**

**Kaz Numru 41/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Antonella Sacco ta’ tmienja u tletin (38) sena, bint Emanuel u Miriam nee’ Camilleri, imwielda Rabat (Ghawdex) nhar it-8 ta’ Frar, 1973, residenti fil-fond numru 25, Triq Ghajn Qatet, Victoria, u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 4973G, akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer gewwa l-Vittoria

(Ghawdex), nhar il-20 ta’ Marzu 2011, ghal habta ta’ nofsinhar nieqes ghoxrin (11:40hrs):

a) Serqet mobile phone tal-ghamla Nokia 7230 minn gewwa l-hanut ‘**Rizzel’s**’, Pjazza San Frangisk, Rabat (Ghawdex) fejn il-valur totali hu ta’ mija u sitta u disghin Euro (€196.00), ghad-detriment ta’ Jacquline Bajada.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti f’dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputata ghazlet li ma tixhidx u ma ressqet l-ebda prova.

**Ikkunsidrat**

ILLI, fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011, xehed **PS 664 Jason Scerri**[1] u qal li nhar l-20 ta’ Marzu 2011 ghal habta ta’ nofsinhar nieqes kwart (11:45am) kienet marret l-Ghassa tar-Rabat certu Jacquline Bajada fejn kienet irrapportat li kien waqaghlha l-*mobile* minn gol-but u dan meta kienet fil-bar imsejjah Rizzel’s. Kompla jixhed illi din il-persuna issusspettat li l-*mobile* seta’ hadu certu wiehed Twanny. Is-Surgent esebixxa l-okkorrenza mhejjija minnu li giet immarkata bhala Dok. “A”.[2] Fil-kontro-ezami wiegeb li Jacquline Bajjada kienet marret l-Ghassa f’nofsinhar.

ILLI, fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2011, xehed ukoll **PS 581 Loreto Buttigieg**”[3] u qal li fl-20 ta’ Marzu 2011 ghal habta ta’ nofsinhar gie infurmat mis-Surgent 664 li kien dahallu rapport fl-Ghassa li kien hemm wahda li aktarx tilfet il-*mobile* taghha fil-Rizzel’s Café u aktarx dan gie

[1] *Fol.* 18 tal-process.
[2] *Fol.* 9 tal-process.
[3] *Fol.* 20 tal-process.

mehud minn certa Antonella Sacco. Ikompli jispjega li kif gie infurmat hekk, kemm hu u kif ukoll il-*policewoman* marru l-pjazza fejn raw lil Antonella Sacco, cioé l-imputata, li kienet qieghda ezatt hdejn il-bieb tal-Isptar il-qadim. Jghid ukoll li wara li kien staqsa lill-istess imputata jekk kienitx sabet xi *mobile*, hi mall-ewwel wegbitu fin-negattiv pero' wara ftit qaltlu li kienet sabet *mobile* mal-art u wara li staqsieha fejn kien jinsab dan il-*mobile* hi qaltlu li dan jinsab fejn kienet qed toqghod u flimkien mal-Pulizija 194 dahlet maghha god-dar u taghtha l-*mobile*. Fil-kontro-ezami wiegebe li l-isem tal-imputata kien ghaddiehulu s-Surgent 664.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2011, xehdet **WPC 194 Anne Marie Meilak**[4] li qalet li wara li kien dahal rapport li l-imputata kienet hadet *mobile* u marret flimkien ma' PC 774 u sabu lill-imputata fi Pjazza San Frangisk fuq bank bil-qieghda u staqsewha jekk kinitx hadet xi *mobile* u wiegbet fin-negattiv u li kienet qaltilhom ukoll li kienet gabret xi zewg Euros mill-art u wara li regghu staqsewha qaltilhom li l-*mobile* kien ghandha u qaltilhom ukoll biex imorru maghha biex tkun tista' taghtihulhom u hadithom id-dar taghha f'Ghajn Qatghet fi Triq Qhajn Qatet f'Victoria. Tghid ukoll illi kienet marret fil-kamra tas-sodda tal-istess imputata u gabet il-*mobile* minn gol-bagalja li kien zarmat u minn go *pocket* iehor kienet gabitilha s-*sim card* li kienet mnehhija. In kontro-ezami twiegeb li r-rapport li kien wasal ghandha kien li l-imputata kienet hadet il-*mobile* u mhux li kienet sabitu. Tghid li kienet hadet dan il-*mobile* lil Jacquline Bajada. Mistoqsija kif haditu, x-xhud twiegeb li dan kien mal-art, ratu jaqa' lil persuna, gabritu minn mal-art u harget 'l barra mill-hanut. Tghid li dan tafu minhabba r-rapport li ghamlet Jacquline Bajjada. Tghid ukoll li x'hin marret Jacquline Bajada l-Ghassa hi, cioé WPC 194, kienet prezenti wkoll.

Illi, nhar il-31 ta' Jannar 2012, xehdet **Jacquline Bajada**[5] li qalet li kienet marret tiehu kafé` mill-hanut li ssibu ta' Cordina go pjazza San Frangisk u li kellha l-*mobile* kien

[4] *Fol.* 22 tal-process.
[5] *Fol.* 25 tal-process.

fil-but tal-gakketta u wara ccekkjat il-*mobile* u ma sabitux fil-gakketta. Tghid ukoll li dan kien waqghalha mal-art u hi ma kinitx indunat u li wara li bdiet tfittex il-*mobile* fl-art ma sabitux. Tghid ukoll li fil-hanut kien hemm l-imputata u persuna ohra. Bajada kompliet tghid li meta baqghet tfittex il-*mobile* l-imputata ma baqghetx fil-hanut. Wara harget u li staqsiet lil persuna l-ohra li kien ghad fadal fil-hanut u li taf li jismu Twanny u li staqsietu jekk kienx ra xi *mobile* u hu wegibha fin-negattiv. Tghid ukoll li l-persuna tal-bar kienet staqsietha jekk kinitx qed tfittex xi haga peress li ratha tfittex u din l-istess persuna qaltilha li kienet rat lill-imputata tigbor xi haga minn mal-art pero' f'radda ta' salib harget u telqet. Wara l-istess Bajada marret thabbat fejn kienet toqghod din il-persuna u ma fetah hadd. Mistoqsija mill-Qorti kif taf li dan il-*mobile* kien ghand l-imputata, tghid li ghax ma kien hemm hadd fil-hanut: kulma kien hemm hi, cioe` Bajada, Antonella u Twanny. Tispjega wkoll li sussegwentement marret l-Ghassa u ghamlet ir-rapport. Tispjega li kellha ritratt ta' missierha u li dan ir-ritratt kien personali ghaliha u li meta kienet tixghel il-*mobile* kien jidher ir-ritratt ta' missierha. Bajada tghid li l-imputata kienet tafhom, inkluz lil missierha. Tghid ukoll li l-*mobile* gie moghti lura lilha dakinhar stess wara li l-Pulizija kienu marru ghand l-imputata madwar siegha wara. Tghid ukoll li ma tippretendi xejn fil-konfront tal-imputata ghax kulma riedet kien il-*mobile*. Tghid ukoll li tahfrilha lill-imputata u l-aqwa li l-*mobile* gie rritornat lilha. In <u>kontro-ezami</u> tghid li l-imputata tkun ir-Rabat u tkun anke hdejhom tiehu l-kafé`. Ma tafx x'jisimha din il-persuna li kienet qaltilha li l-imputata kienet gabret il-*mobile* minn mal-art.

ILLI, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehdet **Vanessa Gatt**[6]. Din xehdet li hija tiggestixxi l-hanut bl-isem "Rizzel's". Tghid li l-imputata tafha minn wiccha u li dak li taf huwa li din l-imputata kienet bil-qieghda, qamet gabret xi haga minn taht siggu u telqet 'il barra. Mistoqsija mill-Qorti jekkx din l-imputata kienet marret darba biss fil-hanut, ix-xhud wiegbet li darba biss ratha. Pero' tghid li minn wiccha gieli ratha qabel dakinhar. L-istess xhud

[6] *Fol.* 34 tal-process..

kompliet tixhed li wara xi hin li rat lill-imputata titbaxxa, kienet marret Jacquline staqsietha jekk kinitx sabet xi *mobile* u in kontro-ezami tghid li rat lill-imputata tigbor xi haga minn mal-art u ma tafx x'kienet qed tigbor. Meta din ix-xhud giet mistoqsija jekk meta l-imputata gabret din il-haga minn mal-art Jacquline marret fil-hanut, ix-xhud wiegbet fin-negattiv.

Kif inghad aktar qabel l-imputata ghazlet li ma tixhidx u ma resqet l-ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata qed tigi akkuzata illi dakinhar tal-20 ta' Marzu 2011 serqet il-*mobile phone* ta' Jacquline Bajada fil-hin li hija kienet fil-hanut "Rizzel's". L-imputata wiegbet li m'hijiex hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Id-difiza argumentat li mill-fatti, skond hi, ma rrizultax li l-imputata kienet serqet il-*mobile phone* in kwistjoni. Targumenta li l-Prosekuzzjoni messa agixxiet taht l-Artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Irrizulta mill-provi li l-*mobile phone* in kwistjoni instab ghand l-imputata u li dan l-istess *mobile phone* gie anke ritornat lura lil Jacquline Bajada. Ma jirrizultax li l-imputata sabet xi haga li ma kienitx taf ta' min kien u dana ghal diversi ragunijiet, fosthom (a) li fil-hanut kien hemm biss hi, Twanny, il-persuna li tiggestixxi l-hanut u Bajada, (b) irrizulta li l-imputata gabret il-*mobile phone* minn mal-art u harget il-barra, u (c) l-imputata gabet il-*mobile* minn go bagalja li kien zarmat u minn go *pocket* iehor kienet gabet is-*sim card* li kienet mnehhija. Tant jirrizulta li kellha intenzjoni hazina l-imputata li wara li sar rapport minn Jacquline Bajada l-Ghassa tal-Pulizija, meta PS 581 Loreto Buttigieg u WPC 194 Anne Marie Meilak sabu lill-imputata u staqsewha rigward il-*mobile* hi l-ewwel wiegbet fin-negattiv u wara li regghet giet mistoqsija kkonfermat li l-*mobile* kien jinsab ghandha. Kieku l-imputata ma kellhiex faham miblul ma kienitx twiegeb fin-negattiv ghall-ewwel domanda pero kienet twiegeb fil-pozittiv mal-ewwel. Apparti minn dan, f'kaz li persuna

ssib *mobile phone* u ma tkunx taf ta' min hu, x'raguni jkollha li taqla s-*sim card* minn go fih?

**Ikkunsidrat**

Illi, riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cosec he costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quell ache se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)"

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodifacentment pruvata.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom is-segwenti: il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali nadifa[7], il-fatt li l-*mobile phone* gie ritornat lura lil Jacquline Bajada dakinhar stess tal-20 ta' Marzu 2011, u kif ukoll il-fatt li Jacqueline Bajada ddikjarat li ma kienet qed tippretendi xejn fil-konfront tal-imputata (ghax kulma riedet kien il-*mobile*) u li kienet qed tahfer lill-imputata ghal dak li ghamlet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt xhur mil-lum. Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputata tigi kundannata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] *Fol.* 17 tal-process.